XGHAJRA

Minuti tal-26 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 25 t'Ottubru, 2011, fis-6.00pm.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Viċi Sindku | Joseph Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieġ |
| | Marie Claire Decelis |
| | Mario Buhagiar – Skużat għax imsiefer |

**L-Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru.1 Fuq l-Aġenda – Attendenza w apoloġiji – Kullħadd preżenti barra Sur Mario Buħagiar li kien skużat għaliex imsiefer.

2. Item Nru. 2 fuq l-Aġenda – Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew moqrija mis-Sindku u ġew approvati unanimament.

3. Item Nru.3 fuq l-Aġenda- Matters Raising – Punti li joħorġu mill-Minuti li ġew moqrija

   3.1. L-applikazzjoni ta' l-ERDF – Is-Segretarju qal li ser nerġgħu niddiskutuhom meta jkollna xi update.

   3.2. Is-servizz tat-trasport pubbliku u l-Arriva - It-traffiku ta' filgħodu bejn is-7am u d-9am mill-Marsa qed iwaħħal il-karozzi tal-linja. Is-Sindku qal li hemm xi affarijiet li diġa' bagħat xi emails fuqhom u ser jgħaddihom lill-Kunsilliera , min juża l-email. Is-Sur Valvo kompla u qal li r-rotta ta' filgħaxija Nru 3 suppost trid tiġi x-Xgħajra wkoll pero' qiegħdin nistennew li din tiġi approvata. Apparti hekk tlabna wkoll biex jagħmlulna tlett bus shelters ħdejn il-knisja, Triq l-Ispnott u Triq Carmelo Penza.

   Is-Sinj. Decelis qalet li lmentaw xi nies li l-karozzi qiegħdin jgħaddu anke minn Triq iċ-Ċern. Is-Sindku qal li pero' jkollna bżonn xi registration number tal-karozza biex inkunu nistgħu nieħdu passi. Hu qal ukoll li issa ser ikollhom sistema aktar moniterjata għaliex ser tkun sinkronizzata ma' kull bus stop.

XGHAJRA

3.3. Rigward il-Photovoltaic, is-Sindku qal li għadna nistennew mingħand l-Alberta l-pjanta ta' kif ser jiġu l-pannelli u mbagħad ngħadduha lill-Perit tal-Kunsill.

4. Item Nru.4 fuq l-Aġenda - Korrispondenza.

4.1. Dik il-korrispondenza t'importanza ġiet moqrija.

5. Item Nru 5. fuq l-Aġenda – Ġie approvat u ratifikat l-infieq tax-xhar ta' Settembru, 2011

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Town Twinning

6.1. Town Twinning – Is-Sindku qal li l-ġemellaġġ kien suċċess u kulħadd kien kuntent bli għamilna. It-taljani minn Colletorto kienu kuntenti wkoll għax ilqajnihom tajjeb u ġentilment. Is-Sur Valvo xtaq jgħid grazzi publikament lill kull min għen.Is-Sindku ppropona li nagħmlu ittra lid-Disma ta' ringrazzjament kif ukoll lill kull min ħa sehem.

Is-Sinj. Decelis qalet li għada ser tmur il-MEUSAC sabiex jagħmlu r-rapport finali u qalet li hija tinstab kuntenta wkoll bix-xogħol li sar.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda – Proġett tal-Belveder/Recreational Centre

7.1. Is-Sindku qal li x-xogħol miexi pero' bil-mod u issa tajnihom deadline sa' l-aħħar ta' Diċembru sabiex ix-xogħol jitlesta skond il-budget li għandna. Apparti dan il-budget għandna 2 applikazzjonijiet pendenti sabiex ikun jista' jitkompla x-xogħol, waħda minn fondi ta' l-EU ERDF u l-oħra minn skema tal-Kunsilli.

Is-Sur Valvo qal li l-ġimgħa rċieva mingħand Dr. Chris Said u qallu li l-flus li għandna nieħdu ser noħduhom pero' mhux direttament imma ma'skema li rridu napplikaw għaliha. L-iskema li applikajna għaliha hija sabiex inkunu nistgħu nagħmlu l-madum tas-sala, aperturi, sanitary ware u railings. Apparti dawn għad jonqosna l-flooring tal-basket ball court.

Is-Sindku qal li applikajna wkoll għall-flooring tal-Playground u dwal għalih. Din kienet skema oħra apposta tal-Playing Fields.

XGHAJRA

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda – SSTP

8.1. Is-sindku ddikjara li l-Open Day għadha ma saritx minħabba xi raġuni u għalhekk issa ġiet posposta għal Marzu. Il-Profs. Victor Axiaq qed jagħmel l-aħħar testijiet ta' l-ilma. Is-sindku qal li dan l-aħħar ġara xi ħaġa fil-pompi u possibbilment kien hemm xi faults.

Rigward il-Monitoring Committee is-Sur Valvo qal li dan mhux qiegħed isir kif kien mistenni u tajjeb li nikkuntattjawhom sabiex nerġgħu niltaqgħu u naggornaw ruħna x'qiegħed isir.

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda - Storm Water Outfall f'Ta' Barkat

9.1.Is-Sindku spjega kif dan is-suġġett għadu mhux finalizżat għax id-Direttorat ta' l-Ambjent tal-Mepa qiegħdin joġġezzjonaw għall-option 5 li qiegħed ħdejn Zonqor Point minflok ħdejn ta' Barkat. Sar meeting mas-Segretarju Parlamentari Dr. Mario De Marco li fih attendew l-għola persuni tal-Mepa u tal-Ministeru fejn wara li l-Kunsill tax-Xgħajra għamel is-sottomissjonijiet tiegħu spiċċajna li l-applikant (MRRE) jara kif ser jippreżenta verzjoni amendata minn dik li kienu applikaw oriġinalment u fejn jitolbu li din l-outfall issir fis-sit "Tad-Duħħan" limiti ta' M'Scala. Jidher li dan is-suġġett ser ikun wieħed li jrid jiddeċiedi l-Board tal-Mepa. Il-Kunsill baqa' jsostni li din l-outfall m'għandix tkun f'ta' Barkat, ix-Xgħajra għal ħafna raġunijiet mhux lanqas li l-lokalita' tax-Xgħajra diġa' kkoperat bil-kbir fuq żewġ proġetti oħra fl-inħawi, dak ta' Smart City u ta' l-SSTP u nħossu li rimi ta' l-ilma ta' l-għargħar fuq ix-Xgħajra eżatt ħdejn djar tar-residenti u l-inkonvenjeza li din il-mina ġġib wawt il-kostruzzjoni tagħha, ser ikun ta' dannu irriversibbli għax-Xgħajra u għar-residenti tagħha. Fil-waqt li hemm alternattivi oħra fuq kosta ta' xi 2 kilometri fejn ma jgħix ħadd u ma jkun skomodat ħadd. U dan minbarra li se jfixkel ix-xogħol li jrid isir mill-Monitoring Committee għar-rigward l-operat tal-SSTP.

10.Item Nru 10 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

10.1. Is-Sindku tkellem fuq l-accounts tat-2010 u l-awditjar tagħhom. . Huwa qal li kien irrisponda l-Management Letter nhar it-23 ta' Ġunju fuq l-osservazzjonijiet li kienu għamlu huma. Is-Sindku qal li kien irrisponda l-maġġoranza tagħhom. Is-Sur Valvo ppreżenta r-risposta fuq il-mejda tal-kamra u qal li din l-ittra kienet intbagħtet by-hand mill-ħaddiema tal-Kunsill tagħna għand l-uffiċċju tal-NAO. Is-sindku qal ukoll li acknowledgement ta' dan kollu m'għandniex la mill-Nao u lanqas mid-Dipartiment tall-Kunsilli. Għalhekk hu qal li la issa ma rċevejna l-ebda avviż li din l-ittra ma ntbagħtitx huwa sinjal li għandhom kopja.

F'din il-Management Letter hemm affarijiet li kienu diġa' rrimarkawhom fis-sena ta' qabel, bħal receipt books u numbered invoices. Ikkritikaw ukoll is-sistema tal-payroll li qed jaqtgħu mill-Onorarja u taxxa ta' xi ħaddiema 15% biss u mhux aktar.

XGHAJRA

Talbuna wkoll records tal-Vacation u Sick Leave, il-kuntratti u file għal kull persuna li taħdem mall-Kunsill.

Is-Sindku qal li ħafna minn dawn l-osservzzjonijiet ġew irranġati din is-sena u spjega li ma kienx hemm punti ta' "Material Weaknesses" li fuq kollox ma kienx hemm aġġustamenti tal-kontijiet minħabba xi nuqqasijiet.

10.2. Is-Sindku qal li għandna MOU rapport mingħand il-Perit Reuben Borg fuq il-Fort Park u l-Fortizza u tajjeb li nkellmu lis-Sur John Gatt, il-Permanent Secretary sabiex inkunu nistgħu nagħmlu x-xogħol.

10.3.Bye Law – Is-Sindku talab lil Claire sabiex tibgħat reminder rigward il-Bye Law.

10.4. Ġie awtorizzat ukoll li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir advertising mal-Ground tal-Football tax-Xgħajra Tornadoes. Għalhekk issa huma jridu jaraw ukoll mal-KMS.

11. Item Nru 11 fuq l-Aġenda – Aġġornament

Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 29 ta'Novembru, 2011 fis-6.00pm

------------------------------------ ----------------------------

Segretarju Eżekuttiv Sindku